

Konvenut: Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) (rappreżentanti: inizjalment minn M. Bermejo Garde, sussegwentement minn M. Arsène, aġenti, assistit minn A. Dal Ferro, avukat)

Parti intervjenant in sostenn tal-parti rikorrenti: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: F. Díez Moreno, aġent)

Suġġett

Talba għal annullament, minn naħa, tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti ta' impieg nru 73/07 li jirrigwarda impieg ta' Segretarju Ġenerali fis-segretarjat tal-KESE, ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-28 ta' Diċembru 2007, bil-verżjonijiet Ġermaniża, Ingliżu u Franciżu tiegħu (ĠU C 316 A, p. 1), u, min-naħħa l-oħra, tar-rettifika tal-imsemmi avviż ta' pożizzjoni vakanti ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Jannar 2008 bil-verżjonijiet bil-lingwa Ġermaniża, Ingliżu u Franciżu (ĠU C 25 A, p. 19).

Dispożittiv

- (1) L-avviż ta' pożizzjoni vakanti ta' impieg nru 73/07 li jirrigwarda impieg ta' Segretarju Ġenerali fis-segretarjat tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), ippublikat fit-28 ta' Diċembru 2007, kif rettifikat fit-30 ta' Jannar 2008, huwa annullat.
- (2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

(⁽¹⁾) ĠU C 116, 9.5.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011 — Freistaat Sachsen et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-443/08 u T-455/08) (⁽¹⁾)

(“Għajjnuna mill-Istat — Ghajjnuna favur l-ajruport ta' Leipzig-Halle — Finanzjament ta' investimenti relatati mal-bini tar-runway ġdida fin-nofsinhar tal-ajruport — Deċiżjoni li tiddikjara l-ghajjnuna kompatibbli mas-suq komuni — Rikors għal annullament — Nuqqas ta' interess ġuridiku — Inammissibbità — Kunċett ta' imprija — Kunċett ta' attivitā ekonomika — Infrastruttura tal-ajruporti”)

(2011/C 145/38)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Freistaat Sachsen (il-Ġermanija) u Land Sachsen-Anhalt (il-Ġermanija) (rappreżentant: U. Soltész, avukat) (Każ T-443/08); Mitteldeutsche Flughafen AG (Leipzig, il-Ġermanija) u Flughafen Leipzig-Halle GmbH (Leipzig) (rappreżentant: M. Núñez-Müller, avukat) (Każ T-455/08)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Gross, B. Martenczuk u E. Righini, aġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanija (rappreżentanti: M. Lumma u B. Klein, aġenti); u

Arbeitsgemeinschaft Deutscher Verkehrsflughäfen eV (ADV) (rappreżentant: L. Giesberts, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3512, tat-23 ta' Lulju 2008, dwar miżuri mill-Ġermanja għall-benefiċċju tad-DHL u tal-ajruport Leipzig-Halle (ĠU L 346, p. 1),

Dispożittiv

- (1) Il-Kawża T-443/08 u T-455/08 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- (2) Ir-rikors fil-Kawża T-443/08 huwa miċħud bħala inammissibbi.
- (3) L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/948/KE, tat-23 ta' Lulju 2008, dwar miżuri mill-Ġermanja għall-benefiċċju tad-DHL u tal-ajruport Leipzig-Halle, huwa annullat sa fejn jiffissa l-ammont tal-għajnejha mill-Istat, li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha l-intenzjoni li tagħti lill-ajruport ta' Leipzig-Halle għall-finijiet tal-bini ta' runway ġdida fin-nofsinhar tal-ajruport u ta' infrastrutturi tal-ajruport konnessi, għal EUR 350 miljun.
- (4) Il-kumplament tar-rikors fil-Kawża T-455/08 huwa miċħud.
- (5) Freistaat Sachsen u l-Land ta' Sachsen-Anhalt huma kkundannati jħabu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Kawża T-443/08.
- (6) Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig-Halle GmbH huma kkundannati jħabu l-ispejjeż tagħhom.
- (7) Il-Kummissjoni hija kkundannata tħalli l-ispejjeż tagħha sostnuti fil-Kawża T-455/08.
- (8) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanija u l-Arbeitsgemeinschaft Deutscher Verkehrsflughäfen eV (ADV) għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom sostnuti fil-Kawża T-443/08 u T-455/08.

(⁽¹⁾) ĠU C 237, 20.12.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2011 — Il-Portugall vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-33/09) (⁽¹⁾)

(“Nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Pagamenti ta' penalitā — Talba għal ħlas — Abrogazzjoni tal-leġiżlazzjoni kkontestata”)

(2011/C 145/39)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes u J. A. De Oliveira, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Konstantinidis, P. Guerra e Andrade u P. Costa de Oliveira, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 7419 finali, tal-25 ta' Novembru 2008, li permezz tagħha l-Kummissjoni talbet il-pagament tal-penalitajiet dovuti skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-10 ta' Jannar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-70/06, Ġabrabar p.I-1).

Dispożittiv

(1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 7419 finali, tal-25 ta' Novembru 2008, hija annullata.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 82, 4.4.2009.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-24 ta' Marzu 2011 — XXXLutz Marken vs UASI — Natura Selection (Linea Natura Natur hat immer Stil)

(Kawża T-54/09) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Linea Natura Natur hat immer Stil — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti natura selection — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebħi tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (lis-sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")

(2011/C 145/40)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: XXXLutz Marken GmbH (Wels, l-Awstrija) (rappreżentant: H. Pannen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Natura Selection, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: E. Sugrañes Coca, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Novembru 2008 (Każ R 1787/2007-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Natura Selection, SL u XXXLutz Marken GmbH.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *XXXLutz Marken GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 90, 18.04.2009.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-24 ta' Marzu 2011 — Dover vs Il-Parlament

(Kawża T-149/09) ⁽¹⁾

("Leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż u allowances tad-deputati tal-Parlament Ewropew — Kontroll dwar l-użu tal-allowances — Allowance ta' assistenza parlamentari — Ġustifikazzjoni tal-ispejjeż — Irkupru tas-somom imħallsa indebitament")

(2011/C 145/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Densmore Ronald Dover (Borehamwood, Hertfordshire, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: D. Vaughan, QC, M. Lester, barrister, u M. French, solicitor)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: H. Krück, D. Moore u M. Windisch, aġenti)

Suġġett

Talba għal annullament tad-Deċiżjoni D(2009) 4639 tas-Segretarju Ĝeneralni tal-Parlament Ewropew, tad-29 ta' Jannar 2009, dwar l-irkupru ta' somom imħallsa lir-rikorrent bħala allowances parlamentari.

Dispożittiv

(1) *Id-Deċiżjoni D(2009) 4639 tas-Segretarju Ĝeneralni tal-Parlament Ewropew, tad-29 ta' Jannar 2009, hija annullata fdak li jikkonċerna l-irkupru tas-somma ta' GBP 193 001.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*